Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8435 — FMC/DuPont Divestment Business)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 194/11)

1. Fit-8 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u skont referenza għall-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1], li permezz tagħha l-impriża FMC Corporation ("FMC", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' partijiet mill-impriża E.I. Du Pont de Nemours and Company ("DuPont", l-Istati Uniti tal-Amerika) (in-"Negozju ta' Divestiment").

Din il-konċentrazzjoni proposta hija parti minn ftehim ta' xiri u ta' bejgħ ta' assi, li daħlu għalih bejniethom DuPont u FMC fl-31 ta' Marzu 2017, li jipprevedi l-akkwist minn FMC ta' ċerti attivitajiet ta' DuPont, skont l-impenji ta' divestiment li daħlu għalihom The Dow Chemical Company ("Dow") u DuPont fil-kuntest ta' proċedura ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet fir-rigward tal-konċentrazzjoni proposta ta' Dow u DuPont (il-Każ M.7932 Dow / DuPont).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal FMC: kumpanija dinjija ta' kimiċi ta' speċjaltà b'interessi fi swieq agrikoli, industrijali u tal-konsumatur,

— għan-Negozju ta' Divestiment: il-maġġoranza tal-attivitajiet dinjija tal-insettiċidi u l-erbiċidi ta' DuPont, kif ukoll l-attivitajiet ta' RuŻ ta' DuPont għall-protezzjoni tal-uċuħ tar-raba'. Dawn jinkludu wkoll liċenzja esklużiva għall-provvista ta' picoxystrobin pur, funġiċida AI, li għandu jintuża għall-formulazzjoni ta' prodotti formulati puri jew imħallta għall-kultivazzjoni tar-ross fiż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8435 — FMC/DuPont Divestment Business, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").